MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2010

Talba Numru. 858/2008

**Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni Kultura Zghazagh u Sport**

**vs**

**Christine Agius, u b’ digriet moghti fis-7 ta’ April 2010 Dr. Mark Busuttil gie nominat bhala Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti konvenuta Christine Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-30 ta’ Ottubru tas-sena 2008 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta’ elf hames mija u wiehed u sebghin ewro u sebghin centezmu (€1,571.70) rapprezentanti refuzjoni ta’ l-istupendium li hija rceviet fil-kors imhejji mill-Istitut ghall-Istudji Turistici f’ Ottubru tas-sena 1996, u dana minhabba illi hija rrezenjat mill-istess

kors fi Frar tas-sena 1998, u liema refuzjoni hija dovuta skont il-kondizzjonijiet ta' l-istess kors bl-ispejjez tal-prezenti procedura ta' l-ittri ufficjali tad-29 ta' Jannar 2003 u dik ta' l-10 ta' Marzu 2005.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Gie notat ukoll illi gie nominat Kuratur Deputat sabiex jirrapprezenta lill-assenti Christine Agius.

Ra wkoll illi kull tentattiv li sar biex jikkomunika ma' l-istess Christine Agius ma sewa ghal xejn, u dana kif jirrizulta mill-affidavit mahluf minn Dr. Mark Busuttil.

Sema' lil Daniel Bugeja jixhed bil-gurament tieghu li spjega kif il-konvenuta kienet dahlet ghal kors imhejji mill-Awtorita` attrici bhala *“Hotel Supervisory Management”*, u li dan il-kors bdietu fis-sena 1996 u komplietu sa 2997. In segwitu hija kienet irrezenjat mill-istess kors u talbet illi tigi ezentata mill-hlas lura tas-sussidju.

In segwitu meta giet notifikata b' ittra legali hija kienet obbligat ruhha li thallas lura dan is-sissidju permezz ta' pagamenti rateali, u fil-fatt il-konvenuta kienet bdiet thallas dawn il-pagamenti fix-xahar fejn kienet lahqet ghamlet tliet pagamenti; l-ahhar wiehed maghmul fis-16 ta' Mejju 2003. Wara li irceviet ittra legali ohra fis-sena 2005 hija regghet avvicinat lill-Awtorita` attrici u tablet estensjoni fi zmien ghal ripagament, liema talba intlaqghet u filfatt il-konvenuta regghet ghamlet pagament iehor akkont, u kienet inkarigat ruhha illi thallas lura l-bilanc dovut permezz ta' pagamenti ta' tletin (30) lira fix-xahar. Irrizulta pero` illi wara illi ghamlet l-ewwel pagament ta' 30 lira hija regghet baqghet ma hallsitx il-pagamenti fix-xhur ta' wara u b' hekk halliet warajha bilanc li qed jigi miltub f' din il-kawza ta' ta' elf hames mija u wiehed u sebghin ewro u sebghin centezmu (€1,571.70).

Ra ukoll u ezamina l-file esebit mill-istess xhud Daniel Bugeja mmarkata bhala Dok “DB 1”; ra wkoll illi l-konvenut

mhux biss naqset illi tikkontesta formalment it-talba attrici izda lanqas ma dehret ghas-seduti f' dan il-process.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' it-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-istess Awtorita` attrici s-somma mitluba ta' elf hames mija u wiehed u sebghin ewro u sebghin centezmu (€1,571.70) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta' l-odjern avviz u bl-ispejjez kollha kif rikjesti a karigu ta' l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------